Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 559/2016

Il-Pulizja

Spettur Edel Mary Camilleri

Vs

George Morris Samhon

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra George Morris Samhon detentur tan-numru tal-pulizija tal-immigrazzjoni 05F-049, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Jannar, 2014, u fix-xhur ta' qabel gewwa Malta, filwaqt li kellu fil-pussess tieghu passaport ta' adhiero u cioe' ta' Gergis Nadi Saad Fadil, ghamel falsifikazzjoni, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar tibdil fih. Dan bi ksur tal-artikoli 3 u 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.
Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsidikat, u dan bi ksur tal-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2). Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija hamsa u sittin ewro (€665) limea ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Morri Samhon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie ddikjarat mhux hati u minnha lliberatu cioe' tat-tieni (2) imputazzjoni.
(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabithu hati cioe' tal-ewwel (1) imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skont il-ligi.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, thassar fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija 'unsafe and unsatisfactory'.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jigi rilevat illi l-esponent qatt ma kien jaf li fir-residenza li jirrisjedu fiha hu u Gergis Saad Nadi Fadil kien hemm xi passaport li gie ffalsifikat. L-esponent malli sab dokument b'ritratt tieghu stess imma b'isem haddiehor fir-residenza kien huwa stess li gabar id-dokumenti kollha ta' dan l-individwu habib tieghu u mar bihom ghand il-pulizija.

Kien l-esponent stess li rraporta lil pulizija b'din l-illegalita'.

Bl-akbar rispett l-element intenzjonali tar-reat misjub hati bih l-esponent ma jissussistix.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellat jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond tar-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li njorat ghal kollox il-fatt li l-verzjoni indikata mill-esponent lil pulizija tikkorrobora mal-fatti indikati minn Vanessa Morris Samhon u Mario Friggieri fix-xhieda taghhom.

Bl-akbar rispett ix-xhieda tal-esponent hija kredibbli.

Ikkunsidrat;

Illi l-ilmenti li iressaq l-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata jistriehu fuq n-nuqqas ta' provi li isostni li kellha quddiemha l-ewwel Qorti sabiex jigu ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp penali l-elementi essenzjali li issawwru ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, li dwaru instabet htija. Jishaq ukoll, minghajr pregudizzju ghall-ewel zewg aggravvji minnu intentati, illi l-Ewwel Qorti malament ma tatx affidabbilita lil verzjoni moghtija minnu lill-pulizija meta din kienet korroborata minn zewg xhieda ohra u cioe' Vanessa Morris Samhon u Mario Friggieri.

Issa l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta li tahtu instabet ir-reita' jaqra hekk:

***"Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża <u>jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat,</u> imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn."***

Issa jidher illi fil-kaz in dizamina l-appellanti ma instabx hati li kien hu li iffalsifika il-passaport ta' siehbu Gergis Nadi Saad Fadil, izda biss illi dan il-passaport kien fil-pussess tieghu meta huwa kien jaf illi dan kien gie iffalsifikat, jew mibdul.

Issa l-appellanti jikkontendi illi dan il-passaport ma kienx jinsab fil-pussess tieghu, izda fil-pussess ta' siehbu Fadil li f'dak iz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kien jabita mieghu. Jikkontendi illi hekk kif huwa sab dan il-passaport fir-residenza tieghu u induna li kien gie mibdul, mal-ewwel hadu ghand l-awtoritajiet ikkoncernati u hemmhekk irrapporta dan il-fatt. Fil-fehma tieghu ghalhekk dan ma jammontax ghal pussess li trid il-ligi sabiex jissussisti r-reat, oltre ghalhekk illi l-element intenzjonali f'dawn ic-cirkostanzi lanqas ma jista' jinghad li huwa ippruvat.

Issa l-Ewwel Qorti ma tatx affidabbilita lil dak mistqarr mill-appellanti lill-pulizija u kienet tal-fehma illi l-appellanti kien jaf b'dan id-dokument iffalsifikat u li l-veru

mottiv wara l-konsenja ta' dan id-dokument lill-pulizija kien biss biex igib lil shiebu fl-inkwiet peress illi kien hemm xi disgwid bejniethom. Jidher illi ghalkemm dawn it-tnejn minn nies kienu hbieb tant illi l-appellanti kein anke ghamilha ta' garanti ghal siehbu meta dan harab mid-detenzjoni, dawn izda kellhom xi ighidu u ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin. Irrizutalha ukoll illi kien r-ritratt ta'l-appellanti stess li kien jidher fuq dan id-dokument u cioe' fil-VISA falza li kien hemm gewwa l-passaport ta' Fadil, li ukoll kellu xi timbri iffalsifikati u xi pagni neqsin. Allura ikkonkludiet illi meta sehh dan id-disgwid bejn dawn iz-zewgt ihbieb, l-appellanti, sabiex ippatieha lil siehbu, irrappurtah lill-pulizija.

Issa din il-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid u tqies illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni kienu skarni u fjakki ghall-ahhar. Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha dehrilha li ma kellhex taghti affidament lill-verzjoni moghtija lill-pulizija mill-appellanti dwar kif dan id-dokument falz gie fil-pussess tieghu. Jinghad izda illi mill-atti jirrizulta illi l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur kienet giet avvicinata mill-appellanti meta ghamel ir-rapport dwar dan il-passaport iffalsifikat kontenenti ukoll VISA falza u allura ma jirrizultax jekk hija kenitx interrogat lill-appellanti u haditlu xi stqarrija meta imbaghad jidher li nibet fiha s-suspett illi l-appellanti seta ikkometta r-reati li dwarhom sussegwengtement gie akkuzat bihom. Fl-atti ma hemmx stqarrija ta'l-appellanti u hemm biss xhieda tal-Ufficjal Prosketur li tirrakonta l-episodju meta l-appellanti avvicinaha biex jaghmel ir-rapport tieghu, u b'mod konfuzjonarju ghall-ahhar u biss meta mistoqsija in kontro-ezami tghid illi l-appellanti qalilha li dan il-passaport sabu fir-residenza fejn kien ighix ma' siehbu Fadil:
*"Kien sabhom ghax ghamel zmien ighix mieghu Gergis Saad Fadil mieghu u sabhom hemhekk gol-kamra tieghu u gabhomna."*

Illi l-Ewwel Qorti ghalhekk erronjament strahet fuq kongetturi dwar il-motiv li wassal lill-appellanti jirraporta l-kaz lill-pulizija billi ma hemm l-ebda prova in atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi dan il-mottiv kien xi disgwid bejn l-appellanti u siehbu.

Illi ghalhekk ghalkemm huwa indubitat illi l-passaport kien fil-pussess materjali ta'l-appellanti billi kien hu stess li ikkonsenjah lill-Ispettur, madanakollu ma jistax jinghad illi b'daqshekk l-element intenzjonali jirrizulta ippruvat. Ibda biex ma jirrizultax kif saret il-falsifikazzjoni u minn min, tant illi l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellanti mill-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni. Lanqas ma jirrizulta kif l-appellanti sar jaf b'dan id-dokument u l-kontenut tieghu. Issa allura jerga jinghad, bil-fatt wahdu illi l-appellanti kien fil-pussess ta' dan id-dokument li kien jaf li kien falz tant illi ikkonsenjah lill-awtoritajiet, ghandu ifisser necessarjament illi huwa kellu l-pussess xjenti li trid il-ligi sabiex jissussisti r-reat?

Illi sabiex tirrizulta din ix-xjenza, l-Prosekuzzjoni kien jenhtigielha tipprova illi id-dokument iffalsifikat gie fil-pussess ta'l-awtur tar-reat u li dan konxju mill-fatt illi dan id-dokument kien falz, izommu fil-pussess tieghu u dan b'mod volontarju, b'mod illi ma jaghtix kont sodisfacenti ta' kif dak l-oggett jkun gie fil-pussess tieghu. Issa mill-provi fjakki li hemm fl-atti jidher illi l-appellanti jishaq illi huwa induna b'dawn id-dokumenti b'mod ghal kollox accidentali u li hekk kif induna bihom huwa irraporta dan il-fatt lill-pulizija u lill-awtoritajiet dwar l-immigrazzjoni billi kien qed jibza li ser jitlef il-*bail bond* ta' elfejn ewro li huwa kien hallas sabiex jaghmel tajjeb ghal siehbu. Illi Fadil jaghti verzjoni ghal kollox differenti minn dak li jikkontendi l-appellanti u dan kif johrog mid-dikjarazzjoni li hemm esebieta in atti, imma din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' kwalsiasi dikjarazzjoni maghmula minn ko-akkuzat, billi Fadil jinsab ukoll akkuzat flimkien ma'l-appellanti bil-kummissjoni ta'l-istess reat ghalkemm ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk il-kaz tieghu ghaddiex in gudikat.

*"Gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha*

*quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta'dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'.*

*Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta'dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali[1]."*

Illi dan l-element intenzjonali ma huwiex ippruvat. Il-provi huma kwazi inezistenti ghajr ghal dak li tiddikjara l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda taghha. Lanqas ma jirrizulta x'investigazzjonijiet saru mill-pulizija f'dan il-kaz ghajr ghall-ezami li sar tad-dokument falz. Dan wassal sabiex fl-atti ma hemm l-ebda prova dwar il-verzjoni ta'l-appellanti li l-Ewwel Qorti tghid li qed tistrieh fuqha sabiex tasal ghad-decizjoni taghha, hlief ghal dak li jirrizulta mix-xhieda ta'l-Ispettur Camilleri, kif inghad. Illi fuq kollox dak li jirrendi l-kaz tal-Prosekuzzjoni iktar dghajjef huwa l-fatt illi l-affermazzjonijiet li saru mill-appellanti lill-Ufficjal Investigattiv anke jekk maghmula bil-fomm ma jistghu qatt ikollhom valur probatorju billi ma hemm l-ebda prova in atti li dawn id-dikjarazzjonijiet verbali gew rilaxxjati bid-debiti kawteli li trid il-ligi inkluz ghalhekk id-dritt li l-appellanti, li allura mill-mument li beda jitqies bhala "suspettat", seta' ifittex il-parir legali qabel ma jaghmel kwalsiasi affermazzjoni. Tali prova bir-rispett ma saritx ukoll u allura l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tistrieh fuq il-veracita o meno ta' dak mistqarr mill-appellanti sabiex tasal ghad-decizjoni taghha. Illi mill-mument li l-Ufficjal Investigattiv bdiet titratta lill-appellanti bhala

[1] – Il-Pulizija vs Marco Farrugia et deciza 31/05/2001 App.Inf

persuna suspettata hija kellha taghti d-drittijiet kollha spettanti lill-persuna suspettata skont il-ligi u mhux imbaghad iggib a konjizzjoni tal-Qorti dikjarazzjonijiet u affermazzjonijiet li saru mill-appellanti anke jekk bil-fomm minghajr ma tressaq il-prova dwar jekk huwa kienx inghata il-*caution* skont il-ligi, iktar u iktar meta imnaghad dawn l-affermazzjonijiet kienu il-mottiv li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sahansitra testendi it-tifsira ta' "criminal charge" fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010):

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

Dan ghaliex l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-gurisprudenza ewropeja jassumi importanza fl-ambitu tal-proceduri penali billi is-smigh xieraq tal-persuna li qed tiffaccja dawn il-proceduri jista jigi mittiefes minn kwalunkwe att investigattiv jekk il-persuna investigata ma tkunx giet moghtija il-jeddijiet skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari allura il-jedd ghall-assistenza legali li ghandu jigi applikat mill-bidunett. Issa f'dan il-kaz ma jirrizultax illi inghata l-ebda forma ta' twissija lill-appellanti fl-ebda mument filwaqt li gie mitkellem mill-Ispettur Investigattiv u kwindi dak mistqarr minnu anke jekk bl-ebda mod ma jinkriminah xortawahda ma huwiex ammissibbli bhala prova.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal sejbien ta' htija fuq prova li kienet inammissibbli skont il-ligi, apparti li provi ohra in atti huma ghal kollox mankanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, s-sentenza appellata qed tigi revokata u dan biss fejn instabet htija fil-konfront ta'l-appellanti ghall-ewwel imputazzjoni u kwindi din il-Qorti tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur